FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Jannar, 2001**

**Numru 9**

**Avviz. numru 1828/00JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta` estera ta' the Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Med Cuisine Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' hamsin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm50.39), kwantu ghal tlieta u erbghin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm43.82) *royalty*, u sitt liri Matin u sebgha u hamsin**

**centezmu (Lm6.57) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess *royalty* dovuti bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru.010910 (Dok.A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment "It-Terrazza Restaurant", ghall-perijodu mis-6 ta' Gunju, 2000, sal-5 ta' Gunju, 2001.**

**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta'l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk ta'l-ittra legali tal-31 ta' Gunju, 2000, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikat baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u a tenur ta'l-Artikolu 13(b) ta'l-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-**

**socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' hamsin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm50.39), bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Gunju, 2000, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta'l-ittra legali tal-31 ta' Gunju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**